

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte (L-Italja) fit-18 ta' Settembru 2014 – Heart Life Croce Amica Srl vs Regione Piemonte**

(Kawża C-426/14)

(2014/C 431/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Heart Life Croce Amica Srl.

Konvenut: Regione Piemonte.

**Domandi preliminari**

- 1) Id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi – f'dan il-każ, fir-rigward ta' kuntratti eskuži, il-prinċipiġi ġeneralji ta' kompetizzjoni libera, ta' nondiskriminazzjoni, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità – jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-għoti dirett tas-servizz ta' trasport mediku lil assoċjazzjonijiet volontarji li l-organizzazzjoni tagħhom hija bbażata prinċipalment fuq provvisti ta' xogħol mhux remunerati, meta jkun previst sempliċi rimbors tal-ispejjeż effettivament sostnuti?
- 2) Fil-każ li jitqies li dan it-tip ta' għoti huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-ispejjeż “indiretti u ġeneralji” marbuta mal-attività eżerċitata b'mod stabbli mill-assoċjazzjoni volontarja – bħall-operazzjonijiet ta' manteniment ecċeżzjonal tal-meżżi użati għas-servizz, l-ikliet tal-operaturi, ir-remunerazzjonijiet tal-personal amministrattiv u tal-koordinatur amministrattiv fir-rigward tas-servizzi pprovduti, il-komunikazzjoni bit-telefon u bir-radju neċċessarja bejn iċ-ċentru tal-operat tas-servizzi ta' trasport mediku u l-istazzjonijiet tal-assoċjazzjoni – jistgħu wkoll jiġu koperti b”sempliċi rimbors tal-ispejjeż effettivamenti sostnuti”?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil de prud'hommes de Paris (Franza) fit-22 ta' Settembru 2014 – David Van der Vlist vs Bio Philippe Auguste SARL**

(Kawża C-432/14)

(2014/C 431/22)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Conseil de prud'hommes de Paris

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: David Van der Vlist.

Konvenuta: Bio Philippe Auguste SARL

**Domanda preliminari**

Il-prinċipju ġeneralji ta' nondiskriminazzjoni minħabba l-etià jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali (l-Artikolu L. 1243-10 tal-Kodiċi tax-Xogħol Franċiż) li jeskludi liż-żgħażagħ li jaħdmu matul il-vaganzi skolastiċi jew universitarji tagħhom, milli jibbenifika minn kumpens għall-prekarjetà dovut f'każ ta' impieg f'forma ta' kuntratt għal żmien determinat li ma jkunx segwit minn offerta għal impieg għal żmien indeterminat?